# Merħba fi Klabb Ħuttaf!

## Il-BOV jissieħeb ma' BirdLife Malta għal attività speċjali fir-Riserva Naturali tal-Għadira biex tiċċelebra l-klabb tal-ambjentalisti żgħar ta' BirdLife Malta

Matul tmiem il-ġimgħa BirdLife Malta organizzat attività speċjali fir-Riserva Naturali tal-Għadira biex tiċċelebra l-Klabb Ħuttaf, li huwa l-klabb tal-ambjentalisti żgħar tal-eNGO.

Din kienet attività esklussiva mifruxa fuq jumejn li għaliha BirdLife Malta stiednet lill-membri żgħar tagħha flimkien mal-istudenti tal-Year 4 li matul l-aħħar sena skolastika kienu qed jirċievu b'xejn ir-rivista tagħha għat-tfal u l-familji Il-Ħuttafa biex turihom xi jfisser li tkun parti mill-familja ta' Klabb Ħuttaf u tistedinhom isiru membri.

Numru ta' ambjentalisti tal-futur aċċettaw l-istedina u s-Sibt filgħaxija ngħaqdu ma' staff tar-riservi u membri tat-tim tal-edukazzjoni ta' BirdLife Malta għal avventura biex jiskopru x'jiġri f'riserva naturali matul il-lejl. Oħrajn attendew għas-sessjoni tal-Ħadd filgħodu u skoprew x'jiġri meta l-ħlejjaq differenti fir-riserva naturali jkunu qed iqumu għal ġurnata oħra.

Għat-tfal kienet organizzata mixja biex jesploraw ir-riserva, b'diversi attivitajiet u logħob matul ir-rotta, waqt il-ġenituri qagħdu fiċ-ċentru tal-viżitaturi biex jitgħallmu dwar uħud mis-siti naturali mill-isbaħ li nsibu fil-Gżejjer Maltin u ngħataw ukoll pariri dwar xi attivitajiet li jistgħu jagħmlu mat-tfal tagħhom fin-natura.

L-Education Manager ta' BirdLife Malta Sarah Brady qalet: "Aħna eċitati ħafna dwar il-programm ġdid ta' attivitajiet li ħejjejna esklussivament għall-membri żgħar tagħna. Din kienet opportunità biex nirringrazzjaw lill-membri tal-appoġġ tagħhom u nkomplu nkabbru l-komunità ta' ambjentalisti żgħar fi ħdan BirdLife Malta li se jkomplu jgawdu minn numru ta' attivitajiet uniċi fix-xhur li ġejjin".

Il-Communication Manager ta' BirdLife Malta Nathaniel Attard ikkummenta: "Radd ta' ħajr speċjali jmur għall-isponsor tagħna Bank of Valletta (BOV) li pprovda rigali għat-tfal kollha li attendew. Mingħajr il-BOV u sponsors oħrajn bħall-Malta National Aquarium u l-appoġġ kontinwu tiegħu għar-rivista tat-tfal, xejn minn dan ma jkun possibbli".

Ir-rappreżentanta tal-Bank of Valletta Marie Vella, li attendiet għall-attività, żiedet: "Kien verament ta' pjaċir għalina li naraw lil dawn l-ambjentalisti żgħar jipparteċipaw b'entużjażmu, jiddevertu filwaqt li jitgħallmu aktar dwar in-natura u r-riservi naturali li għandna f'Malta. Il-Bank of Valletta huwa impenjat li jkompli jappoġġja kemm l-ambjent kif ukoll l-edukazzjoni u attivitajiet bħal dawn jikkontribwixxu għal dawn iż-żewġ oqsma li aħna nqisuhom bħala pilastri importanti. L-investiment fit-tfal tagħna u fil-futur tagħhom huwa verament iċ-ċavetta għall-Corporate Responsibility tagħna."

Issa BirdLife Malta se tkun qed torganizza sensiela ta' attivitajiet esklussivi bħal dawn għall-membri ta' Klabb Huttaf sitt darbiet fis-sena biex tipprovdi lil dawn il-membri żgħar tagħha esperjenzi divertenti fin-natura. Ġenituri li huma interessati li jdaħħlu lit-tfal tagħhom fi Klabb Huttaf jistgħu jagħmlu dan hawnhekk. Il-membri ta' Klabb Huttaf jirċievu r-rivista Il-Huttafa kull xahrejn, ktejjeb dwar in-natura biex jimlewh bil-kuluri, u stediniet għal diversi attivitajiet li jsiru matul is-sena. Aktar minn hekk, anke l-familji jistgħu jsiru membri ta' BirdLife Malta billi jagħżlu l-kategorija tas-sħubija għall-familji hawnhekk. Membri f'din il-kategorija jirċievu r-rivista Il-Huttafa d-dar għat-tfal, u l-ġenituri jirċievu r-rivista tal-adulti Bird's Eye View erba' darbiet fis-sena flimkien ma' newsletter ta' kull xahar b'dettalji dwar attivitajiet li jkunu se jsiru.

Meta wieħed isir membru, ikun qed jgħin lil BirdLife Malta tkompli bil-ħidma tagħha f'Malta u Għawdex favur il-konservazzjoni tal-għasafar u l-ħabitati tagħhom, kif ukoll biex tkun tista' tieħu inizjattivi simili għall-ħolqien ta' Klabb Huttaf.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-BMaTGG1mRG**

- Għażla ta' ritratti mill-attività tal-weekend li għadda (Ritratti tal-BOV u BirdLife Malta)